**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**

**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 30 ta' Mejju, 2024**

**Kawża Numru: 10**

**Rikors Guramentat Numru:- 1033/2021 JVC**

**Joachim Farrugia**

**Audrey Azzopardi**

**Charmaine Camilleri**

**-vs-**

**Henry Farrugia**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors guramentat illi permezz tieghu r-rikorrenti Joachim Farrugia et talbu kif isegwi:**

1. 'ILLI l-esponenti Joachim Farrugia, flimkien ma' ohtu Rosa Farrugia (detentrici karta ta' l-identita' numru 427037(M), kienu s-sidien tal-porzjoni raba' konsistenti f'zewg ghelieqi maghrufa bhala'Tal-Maghqad' u 'Tal-Intrajta' tal-kejl superficjali in kwantu ghall-ghalqa 'Tal-Maghqad' ta' circa tomnejn u in kwantu ghall-ghalqa 'Tal-Intrata' ta' circa siegh u tlett kejliet, liema porzjon raba' tinsab fil-kontrada ' Tal-Gwarena' sive, 'Tax-Xaghra', u tifforma parti minn kumpless ta' hdax il- (11) ghalqa maghrufa bhala 'Ta' Musu' fil-limiti ta' Hagar Qim,Qrendi, u dan f'ishma ndaqs bejniethom;

2. Illi kemm ir-rikorrenti u kif ukoll ohtu l-mejta Rosa, kienu ilhom sidien ta' dawn il-porzjonijiet raba' ghal diversi snin, u filfatt kienet ilha tintiret minn generazzjoni ghal ohra ghal zmien twil;

3. Illi pero', Rosa Farrugia giet nieqsa, fil-hdax (11) ta' Frar tas-sena kurrenti, elfejn wiehed u ghoxrin (2021);

4. Illi l-unika eredi tad-defunta Rosa Farrugia huma ulied l-attur Joachim Farrugia u *cioe* Audrey-Jane Azzopardi u Charmaine Camilleri u dan kif evidenzjat mid-dokument huma anness u mmarkat bhala'Dok A';

5. Illi ghalhekk is-sidien ta' din il-porzjon raba huma issa Joachim farrugia u uliedu Audrey u Charmaine;

6. Illi f'dawn l-ahhar snin b'mod abbuziv, illegali, u minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi, l-intimat qabad u okkupa din il-porzjon raba' u ghal xi zmien anke tefa' oggetti tieghu personali fosthom vetturi abbandunati u hwejjeg ohra u dan minghajr il-permess tal-esponenti;

7. Illi l-esponenti talbu lill-intimat diversi drabi sabiex jizgombra minn din il-porzjon raba' izda dan baqa' inadempjenti;

8. Illi nonostante interpellat, permezz ta' ittra ufficjali hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'A' il-konvenut baqa' inadempjenti;

**Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:**

**1.TIDDIKJARA**__illi l-intimat qieghed izomm il-pussess u jiddetjeni l-porzjoni raba' konsistenti f'zewg eghlieqi maghrufa bhala 'Tal-Maghqad' u 'Tal-Intrajta' tal-kejl superficjali in kwantu ghall-ghalqa 'Tal-Maghqad' ta' circa tomnejn u in kwantu ghall-ghalqa 'Tal-Intrata' ta' circa siegh u tlett kejliet, liema porzjon raba' tinsab fil-kontrada 'Tal-Gwarena' sive, 'Tax-Xaghra', u tifforma parti minn kumpless ta' hdax-il (11) ghalqa maghrufa bhala 'Ta' Musu@ fil-limiti ta' Hagar Qim, Qrendi illegalment u minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

ii. **TIKKUNDANNA ghalhekk** lill-intimat sabiex jizgombra mill-artijiet imsemmija u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti u fin-nuqqas tawtorizza lill-esponenti sabiex jiehdu l-passi kollha necessarji ghal tali zgumbrament inkluz izda mhux biss li jidhlu fl-art in kwistjoni u jnehhu l-oggetti kollha mobbli li jkunu talvolta jezistu fir-raba' in kwistjoni bi spejjez li jigu sopportati mill-istess intimat u jekk ikun hemm bzonn bl-ghajnuna ta' perit nominandi u bl-assistenza tal-Marixxalli tal-Qorti u tal-Pulizija Ezekuttiva f'kaz li jigi riskontrat xi xkiel;

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittri ufficjali, u bl-imghaxxijiet;

L-intimat minn issa ingunt in subizzjoni.’

**Rat ir-risposta ta’ Henry Farrugia (K.I. Nru. 681561M) li taqra kif isegwi :**

1. ‘Illi fl-ewwel lok ir-rikorrenti ghandhom jaghtu l-prova tat-titolu taghhom fuq ir-raba’ oggett ta’ din il-kawza u kif ukoll il-provi tas-successjoni tad-defunta Rosa Farrugia u li l-istess successjoni giet debitament denunzjata lill-Gvern ta’ Malta skont il-ligi;

2. Illi minghajr ebda’ pregudizzju ghall-premess huwa sottomess illi l-eccipjent ghandu titolu validu ta’ kera, ossija ta’ qbiela, fuq ir-raba’ oggett ta’ din il-kawza liema kera kienet sahansitra tigi accettata minn Rosa Farrugia- sa’ mis-sena 2002 sakemm din waqfet taccettaha ghall-ewwel darba habta tas-sena 2016 u minn dan iz-zmien il-quddiem il-qbiela bdiet tigi depozitata taht l-Awtorita’ tal-Qorti;

3. Illi tant l-eccipjent ghandu titolu validu fuq ir-raba’ oggett ta’ din il-kawza illi l-istess Rosa Farrugia kienet sahansitra informat lid-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd illi hija kienet qieghda tirrikonoxxi lill-eccipjent bhala l-gabilot tar-raba’ minnflokk lill-Rosaria Zammit (illum mejta) u dan sar b’mod ufficjali kif jirrizulta mid-dokumentazzjoni esebita ma’ din

ir-risposta mahlufa u kif ser jirrizulta ulterjorment fis-smiegh ta' din il-kawza.

4. Illi dan kollu gja gie ventilat quddiem il-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) fil-proceduri fl-ismijiet *"Il-Pulizija -vs-Henry Farrugia"* istitwiti fuq kwerela tar-rikorrenti Joachim Farrugia u d-defunta Rosa Farrugia ai termini tal-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u mil-liema proceduri l-eccipjent gie liberat in bazi tal-fatti hawn fuq esposti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.'

Rat illi fil-verbal tat-8 ta' Frar, 2022 Dr. Camilleri ikkonferma illi l-kawza odjerna hija intiza bhala kawza petitorja.

Rat illi l-ewwel eccezzjoni tal-intimat ma baqax isir insistenza fuqha waqt it-trattazzjoni tal-avukat tal-intimat fis-seduta tal-5 ta' Marzu, 2024 kif gie ukoll traskritt fit-traskrizzjoni tal-istess trattazzjoni;

Rat illi fil-verbal datat  5 ta' Marzu , 2024 saret trattazzjoni u li r-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tar-rikors guramentat odjern ir-rikorrenti Joachim Farrugia u uliedu Audrey Azzopardi u Charmaine Camilleri jostnu li huma s-sidien ta' porzjon raba' konsistenti f'zewg ghelieqi maghrufa bhala 'Tal-Maghqad' u 'Tal-Intrjata' tal-kejl kif indikat fir-rikors guramentat u formanti parti minn kumpless ta' hdax-il ghalqa maghrufa bhal 'Ta Musu' fil-limiti ta' Hagar Qim fil-Qrendi.  Ir-rikorrenti jsostnu li l-intimat Henry Farrugia f'dawn l-ahhar snin b'mod abuziv, illegali u minghajr ebda titolu validu fil-ligi qabad u okkupa din il-porzjon raba' u ghal xi zmien anke tefa' oggetti tieghu personali fosthom vetturi abbandunati u hwejjeg ohra minghajr il-peremss taghhom.  Jitolbu ghalhekk li din il-Qorti tiddikjara li l-intimat qed jiddetjeni din ir-raba' illegalment u minghajr ebda titolu validu fil-ligi u jitolbu li din il-Qorti tordna l-izgumbrament tieghu mill-istess.

L-intimat eccepixxa fl-ewwel lok li r-rikorrenti kellhom iressqu prova tat-titolu taghhom izda din l-eccezzjoni giet irtirata fit-trattazzjoni tal-istess.  Ulterjorment eccepixxa li ghandu titolu

validu ta' kera / qbiela fuq ir-raba' in kwistjoni liema kera kienet tigi accettata minn Rosara Farrugia li hija l-*aventi causa* tar-rikorrenti Audrey Azzopardi u Charmain Camilleri u oht ir-rikorrent l-iehor u dan sa mis-sena 2002. Izid li waqfet taccetta l-istess ghall-habta tas-sena 2016 u minn dak iz-zmein il-qbiela bdiet tigi depozitata l-Qorti. Jeccepixxi wkoll li kienet l-istess Rosa Farrugia li nfurmat lid-Direttur tal-Agrikoltura li l-qbiela kienet giet maqluba minn fuq il-gabilott precedenti Rosaria Zammit ghal fuqu.

**Provi:**

Fil-mertu l-Qorti rat il-kopja tal-ktieb tal-kera esebit a fol. 15 et seq tal-process. Rat li mid-data tal-15 ta' Awwissu, 1999 sas-sena 2022 dawn l-ircevuti inhargu favur Rosaria Zammit u kienu jigu ffirmati wahda mir-rikorrent Jack Farrugia u ohra minn ohtu Rose Farrugia. Rat li a fol. 19 tal-process saret ircevuta datata 15 ta' Awwissu, 2022 favur Rosaria Zammit li izda tidher maqtugha u ohra hdejha mitkuba favur l-intimat Henry Farrrugia bl-istess data tal-15 ta' Awwissu 2002 ffirmata minn Rose Farrugia u li taqra kif isegwi:

'Jiena rcivejt minghand Henry Farrugia is-somma ta' hamsin lira maltin (Lm50) qbiela (hlas bil-quddiem) ta' ghalqa li qegheda ta' Musun li tghalaq fil-hmistax ta' Qwwissu 2002.'

Rat li l-ircevuti li jsegwi mill-15 ta' Awwissu 2003 sal-15 ta' Awwissu 2014 hargu kollha favur Henry Farrugia u lkoll huma ffirmati minn Rose Farrugia. Il-Qorti rat li l-firma ta' Rose Farrugia hija identika f'kull ircevuta li tidher li ffirmat hi kemm dawk favur Rosaria Zammit kif ukoll favur Henry Farrugia.

Rat a fol. 25 et seq tal-process ic-cedoli ta' depozitu li bdew jigu ntavolati mill-intimat a favur ir-rikorrent Joachim Farrugia u Rosa Farruiga koprenti minn Awwissu 2016 il-quddiem.

Rat id-dokument a fol. 30 tal-process li kjarament u bla dubju huwa ffirmat ukoll minn Rose Farrugia (bil-firma li tidher li hija identika ghall-hafna firem taghha fill-ktieb tal-kera) fejn fl-istess tiddikjara lid-Direttur tal-Agrikoltura u Sajd kif isegwi:

'Jiena Rose Farrugia, li noqghod il-Qrendi qed ninfurmak skond l-Ordinanza dwar l-Istatistika tal-Biedja (Kap. 129) illi r-raba: maghrufa bhala ta' Musun ta' kejl ta' 2 tomniet li jinsab fil-ligi ta' Qrendi m'ghadux imqabbel ghand Rosaria Zammit li joqghod il-Qrendi 8 Triq id-Dejqa, Qrendi u issa jinsab imqabbel ghand Henry Farrugia li joqghod l-Imqabba 16, 'Frun Fink', Triq Dun Nikol Zammit.'

Rat ukoll li fuq l-istess dokument hemm il-firma ta' Rosaria Zammit li telqet ir-raba u l-firma tal-intimat Henry Farrugia li ha r-raba.

Rat **ix-xhieda tar-rikorrent Joachin Farrugia a fol. 42 et seq** tal-process. Huwa jixhed dwar il-provenjenza tal-ghalqa kif din kienet originarjament tieghu u ta' ohtu Rosaria Farrugia li konsegwentement halliet in-nofs indiviz taghha lil uliedu r-rikorrenti l-ohra. Jipprezenta wkoll dokumentazzjoni relattiva ghal dak li jsostni dwar it-titolu. Sa dan il-mument fil-kawza t-titolu tar-rikorrenti kien ghadu kontestat izda din l-eccezzjoni giet irtirata. Dwar Rose Zammit jghid li l-ghalqa kienet ghand in-nannu taghha mbaghad miet u halliha lil missierha Mattew Spiteri u mbaghad lil Rose. Kienu ftehmu hu u ohtu li lil Rose Zammit ihallulha l-qbiela u skont hu l-kundizzjoni kienet li meta tixba' ttiha lura lilhom. Rose Zammit fil-frattemp giet nieqsa. Jixhed li llum suppost hadd ma qieghed jokkupa r-raba' in kwistjoni ghaliex huma ma willewha lil hadd. Rose Zammit kienet thallas mitt (Lm 100) Liri Maltin fis-sena qbiela. Jghid li izda bhalissa l-ghalqa hija okkupata mill-intimat u skont hu ma kienx jafu, qas qatt ma kien jafu. Jinsistu li ohtu Rosaria Farrugia dejjem irrifjutat li tiftiehem mal-intimat. Skont hu kienet tghidlu li hi ma riedet twillija lil hadd biex izommuha uliedu. Jichad li ohtu kienet infurmat l-Agrikoltura bil-qbiela favur l-intimat. Muri l-ircevuti tal-qbiela jghid li jahseb li jaghraf il-firma ta' ohtu Rosaria Farrugia

u aktar tard fix-xhieda tieghu jghid li ma jaghrafhiex. Jghid li huwa il-kera minghand Rose Zammit kien jaccettaha imma minghand l-intimat le ghaliex hu ma qabbel ebda raba' lilu. Mistoqsi jekk qattx ra l-ircevuti tal-qbiela qabel jghid li hu qatt ma ta kaz u li qatt ma rahom qabel. Jinsisti li l-ircevuti ffirmati minn Rosaria Farrugia favur l-intimat mhux veru li taghha. Jghid li dawn l-ircevuti huwa qatt ma rahom qabel.

Rat ix-**xhieda tar-rikorrenti Audrey Azzopardi a fol. 57 et seq tal-**process. Hija tikkonferma li kienet hi u ohta biss Charmaine Camilleri li wirtu liz-Zija Rose Farrugia nkluz ir-raba' in kwistjoni. Tghid li lil Rose Zammit kienet tafha li tikri l-ghalqa u kienet tmur kull sena biex jimlewlha l-ktieb tal-kera u missierha jiffirma. Daqqa kienet tikteb hi u daqqa ohtha u wara kien jiffirma missierha. Tghid li darba Rose Zammit marret ghandhom u qalet lil missieru li kienet xebghet mir-raba' u jekk setghetx twelliha lill-intimat u skontha missierha qallha le ghaliex ghandu t-tfal u jzommuha huma. Tghid li lilhom Rose Farrugia kienet tghidilhom li ma trid tikri l-ghalqa lil hadd. Murija l-ircevuti favur l-intimat iffirmati minn Rose Farrugia tghid li anki zitha ma kinitx taf tikteb u ma taghrafx il-kitba ta' min hi. Tghid li l-ircevuti liz-zija huma kienu jaghmluhomla imma dawn l-ircevuti qatt ma ghamlithom. Iz-zija qatt ma qaltilhom xejn dwar permess li hija tat mal-Agrikoltura. Tghid li taghraf il-firma taz-zija fl-ircevuti fejn kienu jiffirmaw kemm iz-zija kif ukoll missierha lil Rose Zammit. Tghid

izda li l-firma ta' Rosaria Farrugia taghrafha fl-ircevuti favur l-intimat.

Rat ix-**xhieda tal-intimat Henry Farrugia a fol. 75 et seq tal-process**. Jixhed li hu kien jahdem ir-raba' ta' Rose Zammit u kellha tomnejn li kienet qaltlu li ma kienux taghha u qaltlu biex imorru ghand is-sid. Marru ghand Rosaria Farrugia u x'hin marru jixhed:

'Qaltilha inti jimporta ir-raba iccedih lil dan. Qaltilha dan min hu? U peress li missieri kienu joqghodu fejn xulxin, qaltli mela inti t-tifel ta' Zaren? Ghedtilha iva. Qaltli mhux xorta. Qaltli ahdmu. Ghedtilha mela l-kera, issa tibda tircevieha minn ghandi. Ghamilt il-proceduri kif kont naghmel ma haddiehor l-Ghammieri, dawwarnih fuqna. Fuqi. Mhux fuqha. U bdejt nahdem hemm.'

Izid li issa ilu aktar minn ghoxrin sena jahdimha. Mistoqsi kif kien ihallasha jghid li daqqa kien jaghtiha cekk daqqa flus u kien ihallilha l-ktieb tal-kera jiem jew gimghat mbghad kienet ittihulu lura ffirmat. Jikkonferma l-kopji tal-ircevuti tal-kera u jaghraf l-ircevuti ta' meta qelbet il-ktieb fuqu fis-sena 2002. Minn dak iz-zmien baqa' dejjem ihallas lil Rosaria l-kera kull sena, kien imur id-dar taghha l-Qrendi u gieli tahilha l-knisja ghax jaf li kienet tkun hemm. Flimkien mal-flus kien itiha l-ktieb mbaghad hi ttihulu lura. Il-ftehim originali biex jahdem din ir-raba' huwa

ghamlu ma' Rosaria Farrugia u Rose Zammit iffirmatlu biex cediet l-ghalqa. Kienet Rose Zammit li haditu ghand Rosaria Farrugia fid-dar taghha l-Qrendi. Jghid li r-rikorrent hemm kien meta mar ghand Rosaria Farrugia u kien qallu jekk hux it-tifel ta' Zaren. Ma jafx ghalfejn ir-rikorrent Joachim Farrugia qatt ma ffirma l-ktieb tal-kera. Jaf biss li Joachim u martu kienu jitilhgu go l-ghalqa, jkellmuh u qatt ma qalulu xejn. Jinsisti li l-ktieb kienet tiffirmahulu Rosaria Zammit imma bil-kuntentizza ta' Joachim Farrugia. Ma jafx ghalfejn hu qatt ma ffirma. Jinsisti li mhux minnu li r-rikorrent Joachim Farrugia ma kienx jaf bil-ftehim ghaliex meta mar l-ewwel darba biex qelbu l-ktieb kien hemm u kien jitla' l-ghalqa u jarah u dan sehh kemm-il darba. Jghid li huwa ghandu hafna ghelieqi mhux din biss. Fl-istess perijodu li mar ghand Rosaria Zammit biex tinqeleb fuqu u kien hemm huha wkoll, huwa kien mar jirregistra l-Ghammieri. Mistoqsi ghalfejn fuq id-dokumenti tal-Agrikoltura tidher biss Rosaria Farrugia jghid li ma jafx ghalfejn imma kienet marret mieghu Rosaria Farrugia, biex jaghmel ir-registrazzjoni kellu jmur kemm ma' Rosaria Farrugia u ma' Rose Zammit, ma jhallukx iddawwar l-ghelieqi jekk ma jigux it-tnejn. Ma jafx ghalfejn Joachim Farrugia ma marx maghhom. Kien informa lil Rosaria Farrugia li kellha bzonn tmur mieghu biex jeqlibha u ftiehem maghha li jghaddi ghaliha u hadhom it-tnejn. Ftit xhur ghaddew minn meta ftehmu sakemm marru l-Ghammieri, forsi xahar. Izid li qabel jeqleb ir-raba' mhux ser jiehu riskju jaghmel l-ispejjez.

Rat l-atti tal-proceduri kriminali fil-konfront tal-intimat Henry Farrugia a fol. 100 et seq tal-process. Rat li f'dawk il-proceduri gew intavolati kpoja ta' ittra interpellatorja datata 2 ta' Mejju, 2016 u ittra ufficcjali datata 13 ta' Gunju, 2016 fil-konfront tal-intimat sabiex irodd lura l-pussess tar-raba' in kwistjoni.

Rat ix-**xhieda tar-rikorrent Joachim Farrugia f'dawk l-atti kriminali datata 14 ta' Novembru, 2017** li jghid dak iz-zmien li kien prorpjetarju tar-raba' in kwistjoni flimkien ma' ohtu Roza Farrugia. Jixhed li kien gie Henry Farrugia u qabad u dahal fir-raba'. Jghid izda li ma jafux u ma jgharfux fl-awla. Jixhed li Henry Farrugia beda jokkupa r-raba' minghajr kera xejn u huma tilfu hafna flus minn fuqha. Jaqbel li ghalkemm kien ilu xi ghaxar snin li Henry Farrugia okkupa l-ghalqa kien dak iz-zmien li ghamlu r-rapport mal-Pulizija. Jghid li qabel dahal Henry Farrugia ir-raba' kien mikri lil Rose Zammit. Jaqbel li anki lil Rose Zammit pruvaw jaqilghu mill-ghalqa u ghamlulha kawza izda rebhitilhom imma wara tatilhom lura. Jaf li hemm ktieb tar-raba' ta' Rose Zammit u gieli kien jiffirmah hu u gieli ohtu. Izid li ilu jaf madwar ghaxar snin li Henry Farrugia kien dahal fir-raba'. Jsotni li ohtu Rosa qaltlu li kien kontra l-volonta taghha u biex il-Qorti tistaqsi lilha jekk iffirmatlux il-ktieb. Jghid li hu ma rrabjax ma' ohtu ghaliex qaltlu li mhux veru ffirmat. Il-ktieb ilu ma jarah mis-

sena 2003. Ilu ma jiffirma fuq dan il-ktieb mis-sena 2003. Qatt ma rcieva kirja.

Rat **ix-xhieda ta' Roza Farrugia fl-atti kriminali datata 14 ta' Novembru, 2017.** Tghid li hija ghandha ghalqa f'Ta' Mousu flimkien ma' huha Gakki Farrugia fil-Qrendi. Tghid li dahal wiehed fihom lanqas jafuh. Ma tafx kif qabad u dahal u ma tawhx permess lanqas jafuh biss. Imbaghad ma riedx johrog. Tghid li bghatu ittra izda ma riedx johrog u lanqas baghtilhom flus. Mistoqsija jekk iffirmatx xi karta tghid li gabet karta u ma kinitx taf x'inhi ghax ma tafx taqra u hi ffirmata, gabitha l-habiba taghha Rose. Tghid li din il-habiba taghha Rose lill-intimat, li ma setghetx tgharfu fl-awla, kienet gabitu darba filghaxija u kienet qarrqet biha. Tichad li fl-ahhar snin kien ta l-ktieb tal-kera biex tiffirmah u tghid li l-ktieb tal-kera qieghed ghandu ghax tatulu l-habiba Rose. Izzid li flus tal-kera qatt ma ta u bghatulu biex johrog u ma harigx. Murija l-ircevuti mahruga favur Henry Farrugia tghid li l-firma hija taghha izda li hi ma tafx taqra. Wara qalulha li ma messa ffirmat xejn ghaliex ma kinitx taf x'qed tiffirma. Izzid li Rose Zammit u Henry Farrugia marru ghandha darba biss. Tichad li ffirmat aktar minn darba u skont hi ghamlu 'photocopy'. Tghid li l-flus tal-kirjiet kienet ittihomla Rose u hi l-ahhar darba li rathom kien meta Rose Zammit marret mieghu. Tghid li dan kien madwar hamsa jew sitt snin qabel.

Rat ix-**xhieda ta' Joseph Borg fl-atti kriminali a fol. 132 et seq tal-process datata 10 ta' Jannar, 2019** rapprezentant tad-Direttur tal-Agrikoltura. Jghid li l-ahhar li kienet registrata l-ghalqa kienet fuq Henry Farrugia fis-sena 2007 bhala bidwi u s-sid kien jidher bhala J. Farrugia. Wara ma baqghux jiehdu hsieb huma. Jikkonferma li ghandu dikjarazzjoni ffirmata minn Rosaria Farrugia.

Rat **ix-xhieda tal-intimat odjern Henry Farrugia, f'dawk il-proceduri kriminali mputat datata 12 ta' Marzu, 2019.** Mistoqsi kif giet l-ghalqa f'idejh jghid li kienet tikriha Rose Spiteri u hu ha l-ghelieqi taghha u kienu marru ghand Roza Farrugia u staqsewha jistghux jeqilbuha u skont hu din qaltilhom li ghaliha xorta jhallasha hu jew hi u accettat il-kera. Jghid li dakinhar anki qaltlu li kienet taf lil missieru. Muri l-ktieb tal-kera jixhed li huwa kien jaghti l-ktieb u l-flus lilha u gieli tatulu lura xi tlett ijiem wara. Hu kien jigbru minghandha ma jafx min ikun ghamel il-firma. Izid li kien hadha l-Ghammieri fejn jikteb ukoll l-ghelieqi l-ohra u ffirmatlu. Dak iz-zmien jixhed li l-ghalqa kienet ilha ghandu xi tmintax-il sena u li Gakki u martu kienu jarawh fiha. Il-kera kien ihallasha lil Roza.

Rat id-dokumentazzjoni esebit a fol. 151 et seq tal-process esebita mix-xhud **Joseph Borg li xehed din id-darba fil-proceduri odjerni a fol. 161 et seq tal-process.** Jikkonferma li l-ghalqa hija registrata fuq Henry Farrugia. Jixhed li l-ghalqa kienet daret fuq

Rosaria Zammit fis-sena 1998 u fuq Henry Farrugia fis-sena 2002. L-ahhar sid li jidher fuq din l-ghalqa huwa J. Farrugia. Rat li mid-dokumentazzjoni esebita johrog li Rose Farrugia bil-karta tal-identita' numru 427037 (M) iffrimat u ddikjarat li Rosaria Zammit ma kinitx ghadha l-gabillott tal-art u li flokha din marret ghand Henry Farrugia.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi kif inghad, l-eccezzjoni dwar it-titolu tar-rikorrent l-intimat ma baqax jinsisti fuqha fit-trattazzjoni tieghu. Fi kwalunkwe kaz it-titolu tar-rikorrent odjerni gie debitament ppruvat fl-atti permezz tad-dokumentazzjoni esebita u x-xhieda tar-rikorrenti Joachim Farrugia u Audrey Azzoprdi. L-intimat ukoll fix-xhieda tieghu ma jichad imkien li l-ghalqa in kwistjoni ma tappartjenix lilhom anzi jirrikonoxxi lil Joachim Farrugia u ohta Rosaria Farrugia (llum mejta) bhala li kienu s-sidien tal-ghalqa.

Illi l-kontestazzjoni principali bejn il-partijiet hija li r-rikorrenti jsostnu li l-intimat ma ghandu l-ebda jedd fil-ligi sabiex jiddetjeni l-ghalqa in kwistjoni filwaqt li l-intimat jsostni li huwa ghandu titolu validu ta' qbiela favur tieghu.

Illi mill-provi fl-atti l-Qorti rat li l-intimat ressaq prova li l-*aventi causa* tar-rikorrenti Audrey Azzopardi u Charmaine Camilleri

cioe' Rose Farrugia kienet iffirmat il-ktieb tal-kera u accettat il-kera minghand Henry Farrugia flok Rosaria Zammit. Din il-Qorti tinnota li nonostante li fl-atti kriminali Rose Farrugia (li dak iz-zmien kienet ghadha hajja) tghid li hija ma kinitx taf x'qed tiffirma, din il-Qorti tqis li ma hemmx dubju li l-firem kollha fl-atti odjerni li jidhru li huma ta' Rosaria Farrugia huma kollha taghha ghaliex tista' tghid huma kollha identici fil-forma u fil-punti karetteristici taghhom. Dan ifisser li Rose Farrugia ma kinitx qed tghid il-verita' fl-atti kriminali meta sostniet li hija kienet iffirmat darba biss. In oltre, rrizulta sahansitra li hi kienet marret mal-intimat l-Ghammieri flimkien ukoll ma' Rose Zammit sabiex jinqeleb il-ktieb tar-raba' u l-Qorti tqis li dan il-fattur aktar u aktar jevidenzja lil din il-Qorti li Rose Farrugia ma kinitx qed tghid il-verita'.

Illi mill-atti jirrizulta li l-partijiet ma jaqblux dwar jekk ir-rikorrent Joachim Farrugia kienx jaf li l-ktieb tar-raba' kien gie maqlub fuq Henry Farrugia. Minn naha tieghu r-rikorrent jghid li ma kien jaf xejn filwaqt li l-intimat jinsisti li Joachim Farrugia kien sahansitra prezenti ghand Rose Farrugia meta din il-kirja nqelbet fuqu u kellmu. Illi din il-Qorti rat li l-kirja tar-raba' baqghet tigi accettata minn Rose Farrugia favur Henry Farrugia sas-sena 2016 meta hija waqqfet taccetta l-istess u kellhom jibdew isiru c-cedoli ta' depozitu mill-intimat. Fl-istess zminijiet nfethu l-proceduri kriminali fil-konfront tal-intimat odjern mir-rikorrenti Joachim Farrugia u ohtu Rose Farrugia.

Il-Qorti rat illi r-rikorrent Joachim Farrugia, fil-proceduri odjerni, sostna li hu lanqas jaf min hu Henry Farrugia filwaqt li fil-proceduri kriminali lura fis-sena 2017 huwa jghid li kien ilu jaf li r-raba' kienet fil-pussess ta' Henry Farrugia aktar minn ghaxar snin. Nonostante dan jirrizulta li sas-sena 2014 Rose Farrugia baqghet tiffirma l-ktieb tal-kera annwalment b'kera mhallsa sas-sena 2016. Din il-Qorti difficilment temmen li Joachim Farrugia kien ilu jaf oltre ghaxar snin li Henry Farrugia kien qed jahdem ir-raba' u ma jaghmel xejn dwarha filwaqt li ohtu kienet qed tiffirma l-ktieb tal-kera. Dan kollu jwassal lil din il-Qorti sabiex temmen aktar il-versjoni tal-intimat li effettivament Joachim Farrugia kien jaf li l-kirja ssejjah lilu u li kien biss wara ghoxrin (20) sena li Joachim Farrugia ddecieda li b'xi mod ried lill-intimat johrog mill-istess.

Illi in vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti, l-Qorti tqis li gie sufficjentement ippruvat mill-intimat sal-grad rikjest mil-ligi li huwa jgawdi titolu validu ta' qbiela fuq l-art in kwistjoni b'dana li allura jirrizulta li t-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-intimat huma gustifikati filwaqt li t-talbiet tar-rikorrenti ma jistghux jirnexxu.

Illi l-Qorti rat li fl-atti odjerni saru allegazzjonijiet li l-firem ta' Rose Farrugia setghu ma kienux genwini u wkoll li hi ma kinitx taf x'qeda tiffirma. F'dan ir-rigward din il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-intimat u cioe' li permezz tal-kawza odjerna r-

rikorrenti mhux qed jitolbu li tigi dikjarata nulla jew vizzjata xi skrittura ffirmata minn Rosaria Farrugia b'dana li din il-Qorti trid tillimita ruhha fuq it-talbiet tar-rikorrenti u l-eccezzjonijiet mqajma mill-intimat.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna billi filwaqt li tiddikjara l-ewwel eccezzjoni sorvolata, tilqa' t-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-intimat u stante li jirrizulta li l-intimat ghandu titolu validu ta' qbiela fuq ir-raba' in kwistjoni favur tieghu tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' Mejju, 2024**

**Cora Catania**

**Deputat Registratur**

**30 ta' Mejju, 2024**